MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LINO FARRUGIA SACCO**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2012

Rikors Numru. 416/2010

Anthony Camilleri f'ismu proprju u bhala mandatarju generali ta' huh imsiefer John Camilleri, Agnes Camilleri u wliedha David, Kevin u Nathalie mizzewga Hili, Michael Camilleri u Richard Xuereb
vs
Registratur tal-Qorti ta' Malta u b'digriet tal-14 ta' Novembru, 2011 giet korretta ghal Direttur, Qrati Civili u Tribunali (Malta) u Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex u b'digriet tal-14 ta' Novembru, 2011 giet korretta ghar-Registratur, Qrati Civili u Tribunali (Ghawdex) u b'digriet tal-14 ta' Dicembru, 2010 Dr. Joseph Ellis intervjena fil-kawza *in statu et terminis*

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tar-rikorrenti li bih esponew:-

Illi permezz ta' sentenza moghtija fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) din il-Qorti

ddecidiet l-appell nru. 135/97 fl-ismijiet **Anthony Camilleri *et* vs Maria Camilleri *et***;

Illi sussegwentament gew ntaxxati l-ispejjez gudizzjarji kif riflessi fit-taxxa li giet rilaxxata fid-dsatax (19) ta’ Frar tas-sena elfejn u ghaxra (2010) u li kopja taghha li giet annessa u immarkata bhala Dokument “A”;

Illi r-rikorrenti qeghdin permezz tal-prezenti procedura jattakkaw din it-taxxa u dan ghar-ragunijiet li gejjin;

Illi d-dritt tar-registru ta’ l-appell, dritt ta’ l-avukat ghall-appell u dritt tal-prokuratur legali ghall-appell gew ntaxxati fl-ammonti ta’ €8,923, €10,550 u €3,516.67 rispettivament;

Illi r-rikorrenti qeghdin jikkontestaw dawn l-ammonti u dan peress illi dawn huma ammonti gonfjati u esagerati li gew ingustament intaxxati ghad-detriment tar-rikorrenti;

Illi huma qeghdin jikkontestaw dawn l-ammonti u principalment minhabba l-fatt illi l-kawza in kwistjoni kienet titratta d-dritt tal-legittima tar-rikorrenti;

Illi dan huwa l-appell kien jirrigwardja punt ta’ ligi u ma kienx jittratta l-likwidazzjoni tal-legittima dovut per se u ghalhekk huwa ngust illi l-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati billi jittiehed persentagg tal-valur tal-proprjetajiet li jifformaw parti mill-wirt in kwistjoni;

Illi din it-taxxa hija ferma ingusta ghar-rikorrenti li talli ezercitaw dritt taghhom moghti lilhom mil-ligi, illi wara kollox huwa anke *public policy*, huma ghandhom ihallsu dawn l-ammonti esagerati bhala spejjez gudizzjarji, liema ammonti jaghmluha impercipibbli li persuna titlob id-dritt taghha tal-legittima ladarba dan jkun ifisser dawn l-ispejjez gudizzjarji kollha;

Illi minghajr pregudizzju ghal dak suespost, il-valuri attribwiti ghall-proprjetajiet li jifformaw parti mis-successjoni ghall-finijiet tad-dikjarazzjoni ta' trasferiment *causa mortis* gew stmati sebgha u erbghin elf u sbatax-il lira Maltin (Lm47,017) u dan skond kif jidher mill-kopja annessa mar-rikors u immarkata bhala Dok "B" [*Inland Revenue Tax* no. 1113];

Ir-rikorrenti talbu lill-Qorti:

1. tordna r-ritassa tad-dritt tar-registru, dritt ta' l-avukat u tal-prokuratur legali ghall-appell fil-kawza fl-ismijiet '**Anthony Camilleri *et* vs Maria Camilleri *et***' (Cit. Nru. 135/97) kif deciza minn dina l-Qorti fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Settembru tas-sena elfejn u disgha (2009) u dan *ai termini* ta' l-Artikolu 64 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, b'dana li d-dritt tar-registru, dritt ta' l-avukat u tal-prokuratur legali ghall-appell jigi mnaqqas.

Rat il-lista ta' xhieda u d-dokumenti prezentati mir-rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' Dr. Joseph Ellis li biha espona:

Illi preliminarjament fir-rigward ta' Anthony Camilleri (8047 (G)), John Camilleri (48041 (G)), Michael Camilleri (4652 (G)) u Agnes Camilleri (75345 (G)) bhala mandatarja t'uliedha David Camilleri, Kevin Camilleri u Nathalie mizzewga Hili, dan ir-rikors huwa tardiv *stante* li dawna r-rikorrenti gew notifikati bit-taxxa ufficjali li issa qed jippruvaw jimpunjaw fl-10 u fil-11 ta' Marzu, 2010 kif jidher mill-kopja ta' l-istess ittra ufficjali allegata mar-risposta bhala Dok. "A" u ghaldaqstant, ghadda z-zmien ta' xahar koncess lilhom sabiex jitolbu r-ritassa, liema perjodu huwa wiehed ta' dekadenza;

Illi fir-rigward ta' Richard Xuereb, dan fil-vesti personali tieghu m'ghandu l-ebda *locus standi* f'dawn il-proceduri *stante* li huwa dahal fil-kawza li tat lok ghal dawn il-proceduri bhala mandatarju t'ommu Carmen (26545 (G)) armla ta' Martin Xuereb meta din siefret. Ghaldaqstant, l-

intimati ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront ta’ l-istess Richard Xuereb fil-vesti personali tieghu;

Illi fil-mertu, u bla pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors odjern ma jixraqlux illi jigi milqugh ghal bosta ragunijiet. Illi fl-ewwel lok, huwa evidenti li t-taxxa ufficjali tad-drittijiet u spejjez illi r-rikorrenti qed jippruvaw jimpunjaw hija dik rilaxxata mir-Registru tal-Qorti ta’ l-Appell. Illi din it-taxxa nhadmet ghab-bazi tat-taxxa rilaxxata mir-registru tal-Qorti ta’ Prim’Istanza illi giet allegata bhala Dok. “A” mal-ittra ufficjali mibghuta lir-rikorrenti imma li r-rikorrenti bl-ebda mod ma impunjaw. Ghaldaqstant, gjaladarba r-rikorrenti ma impunjawx u accettaw it-taxxa tad-drittijiet u spejjez tal-Qorti ta’ Prim’Istanza, m’hemmx lok ghal revizjoni tat-taxxa tad-drittijiet u spejjez fil-Qorti ta’ l-Appell sakemm ma jirrizultax illi r-Registratur hadem it-taxxa b’mod skorrett. Illi dina l-eventwalita` ma tidhirx illi hi possibli peress illi fil-prim’istanza, id-dritt tar-registru gie intaxxat fl-ammont ta’ €6,745.94 u ta’ l-avukati tal-partijiet fl-ammont ta’ €8,346.42 mentri fil-Qorti ta’ l-Appell, tali drittijiet gew intaxxati €8,923 u €10,550 rispettivament. Dan ifisser illi d-dritt tar-registru gie ntaxxat fl-appell terza aktar milli fil-Prim’Istanza mentri dak ta’ l-avukati huwa anqas minn terz aktar dak tal-Prim’Istanza u jekk hemm lok ta’ xi revizjoni, dana ghandu jkun fis-sens illi d-dritt ta’ l-avukat u konsegwentement, anke tal-prokuratur legali ghandhom jizdiedu u dana ghab-bazi tar-regolament 38 tat-Tariffa E ta’ l-Iskeda A tal-Kap. 12;

Illi *inoltre*, ir-rikorrenti m’humiex korretti li jghidu li l-kawza illi tat lok ghal dawn il-proceduri “kienet tittratta d-dritt tal-legittima ta’ l-esponenti” u illi “dan…l-appell kien jirrigwardja punt ta’ ligi u ma kienx jittratta l-likwidazzjoni tal-legittima dovut *per se* u ghalhekk huwa ngust illi l-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati billi jittiehed persentagg tal-valur tal-proprjetajiet li jifformaw parti mill-wirt in kwistjoni.” Illi t-talbiet tar-rikorrenti odjerni kienu:

1. “Iddikjarat illi d-disposizzjonijiet tertamentarji ta’ Ursola Camilleri (li ghamlet wara li miet zewgha) huma nulli u bla effett u ma jirraprezentawx il-volonta` tat-testatrici l-ghaliex kienu frott ta’ ingann u ta’ pressjoni

ezercitata mill-konvenuti li mpediet lit-testatrici mix-xewqa u mill-volonta` libera taghha aktar u aktar meta l-poteri mentali taghha kienu resi indeboliti mill-eta` avvanzata tat-testatrici u mill-pilloli narkotici u medicinali ohra li kienu jigu somministrati lilha minhabba l-mard kroniku li kienet tbati minnu;

2. Fin-nuqqas talbu dikjarazzjoni fis-sens li l-legati li ghamlet permezz ta' l-imsemmija testmenti Ursola Camilleri jaqbzu s-sehem li minnu setghet tiddisponi Ursola Camilleri, sabiex jigi stabbilit is-sehem li setghet tiddisponi minnu d-*decujus* u sabiex il-legati jigu mnaqqsa sa dak is-sehem li minnu setghet tiddisponi t-testatrici."

Illi fil-kors tal-kawza, l-atturi cedew l-ewwel talba imma zammew ferma t-tieni talba. Illi r-rikorrenti qed jghidu illi dina l-kawza tittratta punt ta' dritt. Madanakollu qed jinjoraw dak illi jghid ir-regolament 14 tat-Tariffa E ta' l-Iskeda A tal-Kap. 12 illi jghid:
"14. Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skond il-ligi jew mill-process, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skond il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit."

Illi allura l-fatt illi kawza tittratta punt ta' dritt jew punt ta' ligi ma jfissirx illi awtomatikament illi l-kawza ghandha tigi ntaxxata skond ir-regolament 15 tat-Tariffa E ta' l-Iskeda A tal-Kap. 12. Illi fil-fatt, il-kawza in kwistjoni kienet pjuttost tittratta punti ta' fatt li kellhom x'jaqsmu ma' punt determinabbli mill-process. Dana peress illi r-rikorrent Anthony Camilleri, fl-affidavit tieghu li gie prezentat fil-21 ta' Ottubru 1999, kien allega stima tal-proprjetajiet mertu tal-kawza in kwistjoni rilaxxata mill-A.I.C. Saviour Micallef, liema stima hija datata 19 ta' Gunju, 1998 u li tammonta ghal Lm300,771 ta' proprjetajiet li skond l-istess Anthony Camilleri fl-affidavit imsemmi "ommi hallitilhom lill-konvenuti permezz ta' diversi legati fit-testmenti li ghamlet wara l-mewt ta' missieri." Kopja ta' din l-istima giet allegata mar-risposta bhala Dok. "B";

Illi mill-1998 'l hawn il-valur tal-propjeta` immobbli f'pajjizna zdied konsiderevolment. Ghalkemm f'dina l-kawza, il-perit tekniku ma lahaqx ghamel l-istima tieghu tal-proprjetajiet in kwistjoni, f'kawza li giet finalment deciza fil-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Mejju 2010 fl-ismijiet "**Av. Chris Said *noe* vs Mary Abela *pro et noe et***", l-istess perit tekniku, l-A.I.C. Mario Cassar stma li tliet proprjetajiet immobbli fl-istess rahal, Nadur fl-1997 kienu jiswew Lm254,068 izda fid-data tar-rapport fl-20 t'April 2007, dawn il-proprjetajiet saru jiswew Lm455,000. Din iz-zieda fil-valur tal-proprjetajiet hija riflessa fiz-zieda ta' bosta indici tal-valur tal-propjeta` li jigu ppubblikati regolarment. Ghaldaqstant, il-valur li r-Registratur ha sabiex jintaxxa dina l-kawza huwa pjuttost wiehed konservattiv u li ma jirreflettiex il-valur reali meta nqatghet il-kawza u jekk hemm lok ghal revizjoni tat-taxxa, dina ghandha tiehu l-valur attwali tal-proprjetajiet mertu ta' dina l-kawza.

Illi permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili kif presjeduta tat-30 ta' Jannar tas-sena 2008 fl-ismijiet "**Kummissarju tal-Pulizija *et* vs Reg. tal-Qorti *et***", il-Qorti ccitat il-giurisprudenza kostanti tal-qrati taghna rritjeniet gustament illi t-tassazzjoni ghanha tigi regolata mill-valur in disputa, il-*quod disputandum est.*

Ghaldaqstant, m'hemmx lok illi t-taxxa rilaxxata mir-Registratur tal-Qorti ta' l-Appell tigi riveduta kif qeghdin jitolbu r-rikorrenti u *se mai*, tali revizjoni ghandha tirrifletti l-valur attwali tal-proprjeta` in kwistjoni, liema revizjoni l-esponenti ma nsistiex fuqha sabiex ma jirrendix aktar oneruzi l-obbligi tar-rikorrenti wara l-konkluzjoni tal-kawza intentata minnhom.

Rat id-dokumenti prezentati minn Dr. Joseph Ellis.

Rat ir-risposta tad-Direttur, Qrati u Tribunali Civili u tad-Direttur Qrati u Tribunali f'Ghawdex li biha esponew:

1. Illi, preliminarjament, ir-rikors huwa null u bla effett *stante* li hija monka in vista tal-fatt li l-azzjoni odjerna giet intavolata kontra persuni inesistenti u dana peress illi, a tenur ta' l-Avviz Legali 139 tal-2004, id-dmirijiet ta'

Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali ghandhom jigu mwettqa mid-Direttur, Qrati Civili u Tribunali filwaqt illi dawk tar-Registratur tal-Qorti ta’ Ghawdex, mid-Direttur, Qrati u Tribunali f’Ghawdex;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-taxxa inhadmet korrettement u nhadmet kif dejjem isir f’tali kawzi u qatt ma kienet maghmula sabiex jigu “ngustament intaxxati ghad-detriment tal-esponent”, kif qieghed jigi allegat fir-rikors promotur;

3. Illi, ghalhekk, it-taxxa hija korretta u timmerita li tigi konfermata.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti fl-14 ta’ Dicembru, 2010 laqghet it-talba ta’ l-Avukat Joseph Ellis biex jintervjeni fil-kawza *in statu et terminis* a tenur ta’ l-artikolu 160 tal-Kap 12.

Rat li fl-14 ta’ Novembru, 2011 il-Qorti laqghet it-talba ghall-korrezzjoni fin-nomenklaturi tar-Registratur tal-Qorti ta’ Malta u ta’ Ghawdex biex jigu sostitwiti bin-nomenklaturi rispettivi Direttur, Qrati Civili u Tribunali (Malta), Direttur, Qrati u Tribunali (Ghawdex).

Fl-10 ta’ Lulju, 2012 (fol 82) il-konsulenti legali qablu li l-kwistjoni tar-ritassa hija riferibbli ghall-kawza 135/97 u cioe` t-taxxa ghall-appell tal-kawza (it-taxxa tal-proceduri quddiem l-Appell giet impunjata izda tal-Prim’istanza ma gietx impunjata u mhallsa). Inoltre wara s-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell, peress li l-kawza quddiem il-Magistrat illum Imhallef Ellul kienet tigi regolarment differita regghet kienet ghas-smigh fl-10 ta’ Novembru, 2009 meta fil-fatt giet kancellata. Is-sentenza tal-Qorti ta’ l-Appell iddecidiet il-kwistjoni b’mod definit.

**C. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Jibda biex jinghad li l-artikolu 64(1) tal-Kap 12 jghid:

"(1) L-ispejjez gudizzjarji jigu ntaxxati u likwidati mir-registratur, u t-taxxi maghmulin minnu ma jistghux jigu attakkati wara li jaghlaq xahar. Dik l-azzjoni ghandha tinbeda b'rikors li ghandu jigi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iz-zmien, ghal dawk li jitolbu t-taxxa ta' l-ispejjez, jibda jghodd mill-gurnata li fiha tkun harget it-taxxa, u, ghad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att gudizjarju, mill-gurnata ta' dik in-notifika."

Illi r-rikorrenti qeghdin fil-kawza odjerna jattakkaw it-taxxa li harget riferibbilment ghad-dritt tar-registru, dritt ta' avukat u dritt tal-prokuratur legali ghall-appell fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Camilleri *et* vs Maria Camilleri *et***, Cit. Nru, 135/97, kif deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-23 ta' Settembru, 2009. Din it-taxxa harget fid-19 ta' Frar, 2010.

Illi Dr. Ellis insista li r-rikorrenti kienu naqsu li jimpunjaw it-taxxa rilaxxata mir-Registratur tal-Qorti ta' Ghawdex, liema taxxa giet allegata bhala Dok. "A" mal-ittra ufficjali mibghuta lir-rikorrenti u li giet esibita fl-atti ta' dawn il-proceduri imma qed jippruvaw jimpunjaw it-taxxa rilaxxata mir-Registru tal-Qorti ta' l-Appell. Sostna li gjaladarba r-rikorrenti ma impunjawx, accettaw u hallsu t-taxxa tad-drittijiet u spejjez tal-Qorti ta' Prim'Istanza, m'hemmx lok ghal revizjoni tat-taxxa tad-drittijiet u spejjez fil-Qorti ta' l-Appell sakemm ma jirrizultax illi r-Registratur tal-Qorti ta' l-Appell hadem it-taxxa b'mod skorrett. Jikkontendi li gjaladarba r-rikorrenti naqsu li jimpunjaw it-taxxa tad-drittijiet u spejjez tal-proceduri in Prim'istanza u jottjenu r-revizjoni taghhom, l-ezercizzju li trid taghmel din il-Qorti huwa limitat biss biex tara jekk ir-regolamenti 38 u 39 tat-Tariffa E ta' l-Iskeda A tal-Kap 12 gewx applikati korrettament jew le.

Minn ezami tad-dokument "A" a fol 11 *tergo* jirrizulta li Anthony Camilleri (8047 (G)), John Camilleri (48041 (G)), Michael Camilleri 4652 (G)), u Agnes Camilleri (75345 (G)) gew notifikati permezz ta' l-Ittra ufficjali tal-5 ta'

Marzu, 2010 fl-10 u fil-11 ta’ Marzu 2010, ma’ liema Ittra Ufficjali kien hemm annessa t-taxxa mahruga mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) – Gurisdizzjoni Superjuri.  A bazi ta’ dan kemm ir-Direttur, Qrati Civili u Tribunali (Malta) kif ukoll Dr. Ellis eccepew il-preskrizzjoni minhabba li ghadda l-perjodu stabbilit mil-ligi.  Kif jirrizulta a fol 76 David Camilleri, Kevin Camilleri u Nathalie Hili dawn gew notfiikati tramite l-mama` taghhom Agnes Camileri mandatarja taghhom peress li huma jinsabu msiefrin u dan wara l-mewt ta’ missierhom Nazzareno Camilleri.  Dan minhabba li lahaq ghadda l-perjodu ta’ xahar koncess mil-ligi sabiex tintalab ir-ritassa, liema perjodu huwa wiehed ta’ dekadenza.

Riferibbilment ghal Richard Xuereb, kemm Dr. Ellis kif ukoll id-Direttur, Qrati Civili u Tribunali kemm ta’ Malta kif ukoll ta’ Ghawdex sostnew li dan fil-vesti personali tieghu m’ghandu l-ebda *locus standi* fil-preceduri odjerni *stante* li huwa dahal fil-kawza li tat lok ghal dawn il-proceduri bhala mandatarju ta’ ommu Carmen (26545 (G)) armla ta’ Martin Xuereb meta din siefret, u ghalhekk id-Direttur isostni li ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju fil-konfront ta’ l-istess Richard Xuereb fil-vesti personali tieghu.  Mis-sentenza stess a fol 43 jirrizulta li Richard Xuereb assuma l-atti f’isem ommu Carmen Xuereb li hi assenti.

**D. KONKLUZJONIJIET:**

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa’ l-eccezzjoni tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali (Malta) u tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali (Ghawdex) u s-sottomissjoni ta’ Dr. Ellis intervenut fil-kawza li l-azzjoni hija preskritta a tenur ta’ l-artikolu 64(1) tal-Kap 12.

Spejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------